SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 3610**

Illum il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fis-7.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa'.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3509 li saret nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru ġew moqrija u approvati.

**1.1 Mill-Minuti**

**1.1.1** Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta numru 9.4.1 u qal li hemm bżonn isiru *yellow lines* fejn l-entratura għal garaxxijiet biex din ma tiġix ostakolata mill-karozzi li jipparkjaw f'din it-triq.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-14 ta' Diċembru 2009 u l-21 ta' Jannar 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

**2.2.1** ***Ittri mibgħuta mill-Kunsill:***

- 0062/10/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Għajnuna lil Football Nursery
- 0023/10/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ġemellaġġ ma' Lumpiaque fi Spanja

**2.2.2** ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 1600/09/I – St Benedict College Girls Secondary School Tarxien – suġġerimenti dwar l-ambjent
- 1608/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 87/2009: Kuntratti minn Kunsilli Lokali ma'l-iskema għall-ġbir ta' skart separat
- 0141/10/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *TV Slot*
- 0018/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 1/2010: Tqassim ta' dokumenti lill-Kunsilliera
- 0026/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 7/2010: Skema dwar Aċċessibilita' aħjar fil-Lokalitajiet
- 0140/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali - Toroq 2010
- 0033/10/I – Kumitat Konġunt – *Garnishee Order*
- 0143/10/I – Montekristo Estates – *Special Group Rates*
- 0042/10/I – Foreign Affairs Office of Suzhou Municipalty – *Invitation Letter*
- 0048/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Bye-Laws* dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'
- 0050/10/I – Uffiċċju Parrokkjali – Laqgħa mal-Monsinjur Arċisqof
- 0057/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 12/2010: Għajnuna għat-Tħawwil ta' Siġar
- 0142/10/I – Paul Bezzina – *Steel Engravings*
- 0068/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Karnival ta' Malta 2010
- 0080/0/10/I – Dipartiment għal Gvern Lokali – *Memo* 10/2010: Skema Dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva
- 0086/10/I – CareMalta – Nazzarenu Vassallo *Award*

2.3 ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- *Memo* SLLC 26/2009 – Proposta Monument Sette Gugnio
- *Memo* SLLC 27/2009 – *Tender (SL)57/09/04: Provision of Street Lighting Installation and Maintenance Services*
- *Memo* SLLC 28/2009 – *Letter of Acceptance*
- *Memo* SLLC 01/2010 – Laqgħa tal-Lokalita'

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1600/09/I il-Kunsill apprezza l-inizjattiva ta' l-Iskola St Benedict College Girls Secondary Tarxien li għamlu suġġerimenti lil Kunsill biex juża' *solar energy* fid-dwal tat-toroq għal ambjent aktar nadif.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1608/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-kuntratt li għandu l-Kunsill mal-Green MT għal ġbir ta' skart separat għandu jiġi fit-terminu tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2011.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0141/10/I is-Sindku qal li ma jaqbilx li l-Kunsill iħallas €200 biex jipparteċipa fil-programm imsemmi fil-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0018/10/I dwar *Memo* 1/2010 qamet il-problema li l-Kunsillieri ħassew li ma setgħux isegwu l-laqgħa mingħajr kopja ta' l-aġenda u l-minuti quddiemhom. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li skond din il-*memo* kull korrispondenza inkluż l-aġenda għandha tintbagħt bl-*e-mail*. Għandu jiġi ċċarat mad-Dipartiment jekk din il-*memo* tapplikax ukoll għal kopja tal-minuti peress li dawn ma jissemmewx speċifikament bħal ma tissemma l-aġenda.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0026/10/I dwar *Memo* 7/2010 il-Kunsill qabel li ssir proposta biex tiġi nstallata rampa quddiem l-uffiċċju amministrattiv. Is-Sindku qal li din ir-rampa li l-istima għaliha hija ta' €4200 + VAT, hija bħal dik li hemm quddiem il-librerija pubblika fil-belt Valletta.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0140/10/I is-Sindku rrefera għall-ittra li rċieva l-Kunsill bis-suġġett Toroq 2010 fejn il-Kunsill intalab biex sat-18 ta' Jannar 2010 jibagħt informazzjoni dwar x'toroq hemm ippjanati li jsiru mill-allokazzjoni normali, jekk il-Kunsill hux interessat jidħol fil-PPP u jekk iva kemm il-triq huwa maħsub li jdaħħal fit-*tender* tal-PPP. Il-Kunsill intalab ukoll lista ta' toroq li għadhom ma sarux fil-lokalita'. Is-Sindku qal li s-Segretarja Eżekuttiva

talbet kjarifika mill-Field Services ta' liema huma t-toroq li huwa responsabbli għalihom il-Kunsill Lokali u jidher li dawk it-toroq li m' humiex arterjali u li għandhom wiċċ tajjeb jew ħażin jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku qara t-tweġiba tal-Kunsill għall-informazzjoni rikjesta u qal li kien speċifikat li din għada suġġetta għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li:

fis-sena 2010 issir manutenzjoni fuq dawn it-toroq:

- Triq il-Ġibjun (parti)
- Triq il-Ġjaċinti (kollha)
- Triq il-Klematis (parti),

li l-Kunsill huwa nteressat li jidħol fil-Public Private Partnership u li jdaħħal dawn it-toroq:

- Triq Ġuljetta Lopez
- Triq il-Ġnien
- Triq Katerina Vitale
- Triq il-Peprin.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0033/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kunsill irid jagħmel rikors il-qorti biex jieħu lura l-flus li ġew depożitati l-qorti fir-rigward tal-*Garnishee Order*.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0143/10/I is-Sindku qal li xtaq jorganizza attivita' speċjali għar-residenti fl-okkazzjoni tas-sittax-il anniversarju mill-ewwel laqgħa tal-Kunsill.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0042/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li kien wasal invit mill-Foreign Affairs Office tal-Muniċipalita' ta' Suzhou fejn s-Sindku flimkien ma' delegazzjoni minn Santa Luċija ġew mistiedna għal numru t' avvenimenti tal-"*Commemoration of the 30th Aninversary of International Sister City Exchanges*". Is-Sindku qal li kien ser jipprova jsib *sponser* għall-biljetti ta' l-ajru.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0048/10/I is-Sindku nforma li l-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' *e-mail* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-proposti tal-*Bye-Laws* dwar l-amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' kienu ġew approvati.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0050/10/09 is-Sindku nforma l-Kunsill li nhar is-Sibt, 30 ta' Jannar 2010 Mons. Arċisqof ser ikun qiegħed jagħmel il-Vista Pastorali f'Santa Luċija u wera x-xewqa li jiltaqa' mal-Kunsill. Huwa qal li din il-laqgħa ser issir fis-Sala Parrokkjali fit-8.00p.m. Is-Sindku kellu jkellem lil Kappillan biex jara x' *souvenir* jista' joffri l-Kunsill għall-okkażjoni.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0057/10/I il-Kunsill iddiskuta *Memo* 12/2010 u qabel li għandha ssir talba għal mitt siġra tal-*Pine* li għandhom jitħawwlu fil-Jogging Track tul in-naħa li tmiss mat-Triq tal-Barrani.

**3.13** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0142/10/I is-Sindku qara ittra ta' individwu mill-Birgu li xtaq ibiegħ *engravings* ta' xenarji fiċ-Ċina. Il-Kunsill ma kienx interessat li jixtri dawn l-*engravings*.

**3.14** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0068/10/I il-Kunsill ġie nfurmat li jekk ser jorganizza attivita' tal-Karnival jista' jibgħat it-tagħrif kollu lil Kunsill Malti għall-Kultura u Arti biex dan jgħin fil-promozzjoni ta' l-attivita' permezz tal-*website* tiegħu.

**3.15** B'referenza għall-korripondenza 0080/10/I dwar *Memo* 10/2010 il-Kunsill qabel li jressaq proposta ta' dawl li jaħdem bis-*solar energy* fl-inħawi taz-zuntier tal-Knisja.

**3.16** B'referenza għall-korrispondenza 0086/10/I is-Sindku staqsa jekk xi ħadd xtaqx jinnomina lil xi resident għal premju Nazzareno Vassallo *Award*. Huwa qal li din l-inizjattiva talaq fid-29 ta' Jannar 2010.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Għajnuna lil Football Nursery*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li bl-emendi li saru fil-liġi tal-Kunsilli Lokali joħroġ biċ-ċar li l-Kunsill ma jista' jagħmel l-ebda tip ta' donazzjoni. Huwa qal li għaldaqstant il-Kunsill waqqaf il-ħlas tat-trasport li jużaw il-Football Nursery biex jieħdu t-tfal jilgħabu barra l-lokalita'. Huwa qal li kien kiteb ittra lid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar dan. Is-Sindku qal li jħoss li dan mhux sew l-aktar meta dan l-aħħar lokalitajiet oħra għamlu inizjattivi simili u ġew anki ppremjati b' *award* minkejja li l-attivita' tagħhom tmur kontra l-liġi tal-Kunsilli Lokali.

### 4.2 *Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira*

Is-Sindku qal li kellu taħdidiet ma' l-organizzaturi tal-*Pageant* tal-Ġimgħa l-Kbira li ssir fil-lokalita' tal-Gżira. Huwa qal li dawn huma interessati li jtellgħu l-*Pageant* fil-Jogging Track f'Santa Luċija. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea. Is-Sindku għandu jkellem lil organizzaturi dwar l-arranġamenti meħtieġa.

## 4.3 *SLLC Q(57/10/01)*

Is-Sindku rrefera għas-sejħa għal kwotazzjonijiet biex jiġi ppreparat *Sustainable Energy Action Plan* għall-lokalita' ta' Santa Luċija. Huwa qal li din is-sejħa għalqet nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010. Is-Sindku nforma l-Kunsill li mat-tokki ta' nofsinhar ġiet issiġillata l-kaxxa fejn jintefgħu l-kwotazzjonijiet u sa dak il-ħin kienet intefgħat kwotazzjoni waħda biss. Huwa qal ukoll li f'nofs inhar ingħalaq il-bieb ta' l-uffiċċju amministrattiv għal *break* ta' nofsinhar. Is-Sindku qal li wara li ngħalaq il-bieb ġie xi ħadd iħabbat u x' ħin l-iskrivana Claudia Costantino marret tara min ġie sabet lis-Sur Louis Borg, rappreżentant ta'l-Eco Group li ta *envelope* f'idejha u qalilha "l-*quotation*" u telaq jiġri mingħajr ma taha ċans tispjega kif kienu l-affarijiet. Is-Sindku qal li għandu dikjarazzjoni ffirmata mill-Uffiċċjal Eżekuttiv, is-Sinjura Louise Gatt li tikkonferma kif saru l-affarijiet.

Il-Kunsill qabel li l-kwotazzjoni ta' Eco Group Ltd. ma tistgħax tiġi aċċettata u li s-Sur Borg għandu jiġi kkuntattjat bit-*telephone* biex jiġbor lura l-*envelope* magħluq bil-kwotazzjoni. Id-dikjarazzjoni tas-Sinjura Gatt qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

Is-Sindku għadda biex fetaħ il-kaxxa għal kwotazzjonijiet li sa dak il-ħin kienet għada magħluqha. Għal din l-offerta kien hemm kwotazzjoni waħda dik ta' Econing Engineering Consultancy Ltd. L-ammont ta' din il-kwotazzjoni kien ta' €3700. Il-Kunsill ser jiddiskuti aktar dwar din il-kwotazzjoni f'laqgħa oħra.

## 4.4 *Laqgħa tal-Lokalita'*

Is-Sindku tkellem dwar *Memo* 13/2010 li tgħid li l-Laqgħa tal-Lokalita' għandha ssir sa' l-aħħar ta' Jannar 2010. Huwa qal li l-Kunsill qabel li din issir nhar is-Sibt, 30 ta' Jannar 2010 fid-9.00a.m. Is-Sindku qal li s-Segretarja Eżekuttiva ser tlesti Rapport Amministrattiv u Pjan ta' Ħidma biex jinqraw waqt il-laqgħa. Huwa qal li l-Kunsill ser joħroġ l-avviżi fuq il-gazzetti u r-radju skond kif titlob il-liġi u ser jintbagħt *flyer* f'kull residenza. Is-Sindku qal li dawn l-avviżi ser jiswew lil Kunsill madwar €500.00.

## 4.5 *Proġetti t' użu ta' Enerġija Alternattiva*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ġew ippreparati żewġ proġetti bl-użu t' enerġija alternattiva biex il-Kunsill ikun jista' japplika meta tinħareġ skema ta' fondi għal proġetti bħal dawn. Huwa qal li dawn il-proġetti jirrigwardaw l-*architecual lighting* fil-Ġnien Ċiniż u arbli tad-dawl li jaħdmu bis-*solar* fil-Jogging Track.

## 4.6 *Impjieġ ta' skrivana part-time ma'l-Kunsill*

Is-Sindku qal li qed jinħass il-bżonn li tiġi mpjegata skrivana *part-time* fuq *scale* 13 biex tkun tista' tassisti s-Segretarja Eżekuttiva fix-xogħol tagħha. Huwa qal li x-xogħol fil-Kunsill żdied konsiderevolment. Is-Sindku kompla jgħid li fost ir-responsabilitajiet li jkollha l-persuna li tiġi mpjegata hemm li tgħin lis-Segretarja Eżekuttiva biex jintlaħqu d-*deadlines* marbuta ma' diversi skemi għal fondi sew mill-Gvern Ċentrali kif ukoll mill-Unjoni Ewropea, tieħu ħsieb li l-*website* tal-Kunsill tkun aġġornata kontinwament, taħdem nhar ta' Sibt jekk ikun hemm il-bżonn u tagħmel xogħol ieħor relatat ma' l-uffiċċju. Għandu jintalab il-permess tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex ikun jista' jibda l-proċess għal ħaddiema *part-time* mal-Kunsill.

## 4.7 *Xiri ta' Pittura*

Is-Sindku ppropona li tinxtara pittura ta' artist minn Santa Luċija, Anthony Patrick Vella, għal *board room* tal-Kunsill. Huwa qal li din il-biċċa arti li l-materjal prim tagħha hija ċ-ċana u permess tagħha l-artist jagħti l-viżjoni tiegħu tal-lokalita' ta' Santa Luċija maż-żmien.

## 4.8 *Xiri ta' Għamara tat-Toroq*

Is-Sindku ppropona li jinxtraw u jitwaħħlu erba' *ash trays* fl-*areas* li l-aktar li jkun hemm nies ipejpu u jħammġu bl-irmied tas-sigaretti. Il-Kunsill qabel li dawn l-*ash trays* għandhom jitwaħħlu fi Pjazza Dorell, ħdejn il-ħwienet f'Dawret it-Torri, ħdejn il-ħwienet fi Triq Inez Soler u ħdejn il-ħwienet fi Triq il-Freżja.

## 4.9 *Aċċess għal fuq iz-Zuntier tal-Knisja*

Il-Kunsillier Bonello tkellem dwar il-problema ta' nuqqas ta' aċċess għal fuq iz-zuntier tal-Knisja li minn dejjem kien ta' nkonvenjent speċjalment waqt funerali u żwieġijiet. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qed jipproponi li jsir aċċess minn quddiem il-ħanut "Il-Kantuniera" billi tiġi emendata r-rampa eżistenti. Il-perit tal-Kunsill għandu jara jekk din il-proposta tistgħax issir.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV2888 sa numru BOV2941 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Diċembru CM36(01-02) u Jannar CM36(03).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħet lil Kunsillieri kollha flimkien ma' l-Minuti Numru 3501.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Diċembru 2009 Ammont *Gross* €5081.26

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Talbiet dwar Kumpens (Expense Claims)*

| | | |
|---|---|---|
| Frederick Cutajar(Sindku) | (Użu ta' transport - Nov.09) | €44.80 |
| Frederick Cutajar(Sindku) | (Użu ta' transport - Diċ.09) | €33.60 |
| Frederick Cutajar(Sindku) | (ADSL - Nov.09-Dec.09) | €40.66 |
| Joseph Balzan(Viċi Sindku) | (Użu ta' transport - Nov.09) | €10.71 |
| Joseph Balzan(Viċi Sindku) | (Użu ta' *Mobile* - Nov.09) | €36.60 |
| Joseph Balzan(Viċi Sindku) | (Użu ta' *Mobile* - Diċ.09) | €34.80 |
| Joseph Balzan (Viċi Sindku) | (ADSL – Nov.-Dec.09) | €27.73 |
| Joseph Bonello (Kunsillier) | (Użu ta' *Mobile* - Diċ.09) | €40.00 |
| Joseph Bonello (Kunsillier) | (Użu ta' *Mobile* - Nov.09) | €38.00 |

### 5.5 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Euro Clean | BR57/08/01 | STL004 March 09 | 210.87 |
| Euro Clean | BR57/08/01 | STL005 April 09 | 231.27 |
| Euro Clean | BR57/08/01 | STL006 May 09 | 295.90 |
| Euro Clean | BR57/08/01 | STL006 June09 | 346.92 |
| Euro Clean | BR57/08/01 | STL007 July 09 | 326.51 |
| Euro Clean | BR57/08/01 | STL008 Aug.09 | 275.48 |
| Euro Clean | BR57/08/01 | STL009 Sept.09 | 323.11 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Euro Clean | BR57/08/01 | STL009 Oct.09 | 336.71 |
| Euro Clean | BR57/08/01 | STL010 Nov.09 | 289.10 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | Council Mobile – Dec.09 | 129.39 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | Council Mobile- Dec.09 | 81.80 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312652 | Council Mobile PABX-Dec.09 | 84..27 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | Serv.for Dec.09 | 430.28 |
| Pada Builders Ltd. | PW/57/06/01 | Patching Wks Vjal Oleandri | 6139.30 |
| Ronald Bezzina | SLLC(Q/09/01) | Serv. for Dec.09 | 2439.60 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | Serv. For Dec.09 | 1131.53 |
| Nexos Street Lighting | Str.Lighting | 2008521 | 436.70 |
| Vodafone Malta Ltd. | 31653 | Council Mob. Nov.09 | 151.86 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | Council Mob. Nov.09 | 48.73 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | Council Mob. PABX-Nov.09 | 85.17 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. for Nov.09 | 2061.50 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. for Dec.09 | 2061.50 |
| Ronald Bezzina | SLLC(Q/09/01) | Serv.for Nov.09 | 2449.10 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | Serv. for Nov.09 | 1131.53 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | Serv. for Nov.09 | 491.35 |

## 6. DIVOLUZZJONI TAL-ĠIBJUNI

Is-Sindku għamel referenza għat-tlett ġibjuni li hawn f'Santa Luċija u qal li jħoss li dawn huma riżorsi li l-potenzjal tagħhom mhux qed jiġi sfruttat. Huwa qal li dawn il-ġibjuni li jinsabu f'Wied Garnaw, fi Triq Ħalib it-Tajr u fis-St Benedict's College Junior Lyceum tal-Bniet, bħalissa jaqgħu taħt il-Malta Resource Authority. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni ta' dawn il-ġibjuni.

Il-Viċi Sindku qal li hu la ser jgħid iva u lanqas le pero jaf li hemm ħafna kwistjonijiet fuq il-ġibjun ta' Wied Garnaw.

Is-Sindku qal li jeżistu fondi biex dawn il-ġibjuni ssirilhom il-manutenzjoni li hemm bżonn ħalli ma jintilifx aktar ilma u jsiru pompi biex dan l-ilma jkun jista' jintuża mill-bdiewa sidien ta' l-għelieqi tal-madwar kif ukoll mill-Kunsill l-aktar fix-xhur tas-Sajf.

## 7. KUNTRATTI

### 7.1 *(RR/PW) 57/09/05 - ROAD RESURFACING /PATCHING WORKS*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-perit kien għadu ma kkonkludiex l-*Adjudication Report* ta' l-offerti li ntefgħu għal dan il-kuntratt u għaldaqstant dan għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

### 7.2 *(SL)57/09/04 – STREET LIGHTING*

Is-Sindku rrefera għal *Memo* SLLC 28/2009 fejn il-Kunsill kien infurmat bir-rati tal-kuntrattur li tefa' din l-offerta imqabbla mar-rati tal-kuntratt eżistenti. Is-Sindku qal li la ma kienx hemm oġġezzjoni l-kuntratt ingħata lil Nexos Street Lighting Ltd.

## 8. SURVEY: ĠBIR TA' SKART F'SANTA LUĊIJA

Is-Sindku rrefera għas-*survery* dwar il-ġbir ta' skart li sar f'Santa Luċija. Huwa qal li minn dan is-*survey* jidher ċar li l-maġġoranza assoluta tar-residenti jaqblu ma' kif qed jingħata dan is-servizz. Għaldaqstant il-kuntratt il-ġdid għandu jinħareġ bil-ħinijiet u l-ġranet kif inhuma llum. Huwa qal li l-aħħar paġna ta' dan ir-rapport li tiġbor fiha l-konklużjoni ta' dan is-*survey* ser titqassam f'kull residenza flimkien ma' l-avviż tal-Laqgħa tal-Lokalita'.

Il-Kunsilliera Galea qalet li għad hemm *hot spots* fejn hemm il-problemi u semmiet l-*area* ta' quddiem *flats* Indipendenza. Il-Kunsill qabel mal-Kunsilliera

Galea u qabel li hemm bżonn isir xi ħaġa biex jiġi kkontrollat dan l-abbuż. Is-Sindku ppropona li jkellem lil Kumitat Konġunt dwar il-possibilita' li ssir CCTV *camera* biex isir *monitoring* ta' l-*areas* fejn għad hemm il-problemi.

## 9. PERFORMANCE BONUS TAL-ĦADDIEMA

Il-Kunsill approva l-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:

| | |
|---|---|
| Caroline Silvio – Segretarja Eżekuttiva | 10% |
| Louise Gatt – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |
| Claudia Costantino - Skrivana | 6% |

## 10. XOGĦOLIJIET FUQ MANUTENZJONI TA' TOROQ GĦAS-SENA 2010

Is-Sindku qal li l-perit kien lesta l-istimi tal-bankini li ser ikun qed jagħmel il-Kunsill din is-sena kif ġej:

| | |
|---|---|
| Triq il-Lellux (kollha) | €15,518.27 |
| Triq iż-Żnuber (parti) | € 5,584.44 |
| Triq Ġulietta Lopez (parti) | € 2,269.50 |
| **Total** | **€23,372.21** |

Is-Sindku qal li dawn kellhom isiru mill-*budget* tas-sena l-oħra iżda peress li s-sena finanzjarja għalqet f'Diċembru 2009 dawn ser isiru fl-ewwel tlett xhur ta' din is-sena.

Il-Kunsill qabel ukoll li din is-sena ssir il-manutenzjoni ta' dawn it-toroq:

Triq il-Ġibjun(parti)
Triq il-Klematis(parti)
Triq il-Ġjaċinti(kollha).

Is-Sindku ppreżenta wkoll proposta ta' l-*upgrading* tal-*parking area* fi Triq l-Għansar. Ġie deċiż li l-perit tal-Kunsill għandu jħejji stima ta' xogħol fi Triq l-Għansar, Triq il-Ġibjun, Triq il-Klematis u Triq il-Ġjaċinti. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir stima ta' xogħol biex issir alterazzjoni fil-bankina ta' Triq Maria De Domenicis quddiem *flats* Independenza.

## 11. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fl-9.45p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Frar 2010 fil-5.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IL-ĠIMGĦA......,
**...5... ta' FRAR............ 2010**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**